**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

CCT/23/21/S

Keith Grima u Rebecca Cachia
Vs
Aluserv Ltd

Illum 16 ta' Mejju,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Keith Grima u Rebecca Cachia ippreżentata fis-16 ta' Frar, 2021 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Aluserv Ltd ippreżentata fil-21 ta' April, 2021.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' aperturi li ġew ordnati mingħand is-soċjeta' intimata wara li preċedentement kienet saret ordni għand kumpanija oħra li pero' kienet tħassret minħabba li s-soċjeta' l-oħra kienet infurmathom li ma kinitx sa tlaħħaq l-ordni kif ipprometttiet tagħmel qabel.

Illi kien għalhekk illi r-rikorrenti għamlu l-ordni tagħhom mas-soċjeta' intimata.

Illi min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata ikkonfermat li kien hemm dewmien pero' li dan ma kienx tort tagħha iżda atribwibbli għal forza maġġuri u dewmien fil-konsenja tal-materjal minħabba l-pandemija tal-COVID 19.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu d-differenza fl-ammont tal-kwotazzjonijiet bejn iż-żewġ soċjetajiet li minn għandhom intalbu kwotazzjonijiet, pero' jingħad mill-ewwel illi t-Tribunal se jikkonsidra biss dak miftiehem mas-soċjeta' intimata u ma' ebda soċjeta' oħra li ma tagħmilx parti minn dawn il-proċeduri.

Illi jingħad mill-ewwel illi kienet deċiżjoni li ħadu l-istess rikorrenti illi jordnaw il-materjal u l-aperturi mingħand is-soċjeta' intimata u ħadd iktar ma ġeghlhom jagħmlu dan.

Illi għalhekk it-talba tagħhom biex jitħallsu id-differenza fil-kwotazzjonijiet taż-żewġ soċjetajiet imsemmija hija infondata fid-dritt u hija improponibbli.

Illi t-Tribunal jirrileva ukoll illi dan iż-żmien kien żmien partikolari fejn il-pandemija tal-COVID 19 kienet fl-eqqel tagħha u li kellha effett negattiv partikolarment fuq it-trasport ta' materjal bejn il-pajjiżi partikolarment il-gżejjer ta' Malta li jiddependu mill-importazzjoni ta' tali materjal.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad' it-talba ta' Keith Grima u Rebecca Cachia, filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Aluserv Ltd. B'kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru